## ĦAL LUQA

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**It-TMIEN' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 7 – IT-TLIETA 14 TA' JANNAR 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa It-Tlieta 14 ta' Jannar 2020 fis-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | John Schembri | Sindku |
| | Eric Camilleri | Kunsillier |
| | Frederick Aquilina | Kunsillier |
| | Victor Caruana | Kunsillier |
| | Lucia Massa | Kunsillier |
| Skużati | Kearon Bruno | Viċi Sindku |
| | Donald Cassar | Kunsillier |
| Uffiċċjali Preżenti | Michael Portelli | Segretarju Eżekuttiv |

### 1. QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOĠIJA

1.1 Is-Sindku semma li l-Kunsillier Donald Cassar kien jinsab indispost minħabba każ ta' saħħa. Huwa qal ukoll li l-Viċi Sindku kien jinsab imsiefer.

### 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Il-minuti ġew ipproponuti mill-Kunsilliera Massa u ssekondati mill-Kunsillier Aquilina

### 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1. Is-Sindku semma li kienet waslet invitazzjoni fuq il-Parlament tas-Sindki. Huwa semma bħala temi x' kien se jkun hemm għad diskussjoni u jekk kellhomx xi suġġerimenti l-Kunsilliera.

3.2 Is-Sindku semma korrispondenza fuq l-attivita Earth Hour li matulha l-Kunsilli kienu qed jiġu mistiedna biex jagħmlu inizjattiva favur l-ambjent.

3.3 Is-Sindku semma fuq kunċert li kien ser issir bħala tifkira b' risq is-Surmast Carmelo li kien ta' servizz ġewwa Ħal Luqa. Huwa qal li bix-xieraq nattendu għalih, biex nirriservaw post.

3.4 Is-Sindku semma li s-Sur. Jeffrik Zammit li kien daħal mal-Kunsill Lokali fuq work placement għandna nerġgħu ningaġġjawh mal-Kunsill Lokali taħt xi skema differenti u dan jkun jista jieħu ħsieb fuq it-tindif tal-latrina ta' Triq Dun Pawl. Il-Kunsilliera qablu fuq dan.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

4.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-bollards li kellhom isiru faċċata tat-Tesor u dawk quddiem il-Computer Bargains. Is-Sindku qal li għad darba li ġejja dawn se jsiru.

4.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-ħinijiet tad-dħul tal-Iskola. Is-Sindku qal li tkun idea tajba li l-ewwel nistennew u naraw għax kien se jsir xi traffic management li jista jgħin fl-aċċess tat-tfal għall Iskola. Is-Sindku qal li l-aħjar nagħmlu laqgħa mas-Surmast u tinżamm nota tal-proposti tiegħu biex imbagħad inkunu nistgħu nitkellmu mal-Pulizija. Is-Sindku qal li rridu nżommu f' moħħna ukoll li m' għandniex nagħmlu iżjed restrizzjonijiet fuq it-traffiku.

4.3 Il-Kunsillier Aquilina qal li l-vetturi matul il-ħin tal-Iskola jistgħu jgħaddu minn Triq il-Ġdida jekk se jsiru arranġamenti ġodda għat traffiku. Huwa qal li imbagħad jitwaqqfu t-tfal quddiem l-Iskola. Is-Sindku qal li jistgħu jsiru l-bollards għall dawk il-karozzi li jkunu ġejjin direzzjoni miż-Żurrieq u jaqbdu Triq il-Ġdida.

4.4 Il-Kunsillier Camilleri qal li l-karozzi jistgħu joħorġu mill-Pjazza. Il-Kunsillier Caruana qal li jistgħu jsiru bollards fi Triq Sant' Andrija biex it-tfal ma jinżlux minn fuqha.

4.5 Il-Kunsillier Caruana saqsa tistax issir mera fi Triq il-Ġdida quddiem Triq il-Ħabaq. Is-Sindku qal li hawn ikun hawn problema peress li s-sidien ma jaċċettawx li din issir quddiem darhom. Il-Kunsilliera Massa qalet li hemm bżonn issir mera fi Triq Santa' Marija kontra dik li hemm bħalissa.

4.6 Il-Kunsillier Camilleri qal jekk Triq Ħal Saflieni tistax issir one way. Is-Sindku semma li huwa kien diġà tkellem mal-Awtoritajiet fuq dan il-każ.

4.7 Il-Kunsillier Caruana saqsa x' kien ser issir fuq il-proġett ta' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra tat-traffic management. Is-Sindku qallu li l-ewwel irridu nistennew li jitlesta x-xogħol fuq barra biex inkunu nistgħu nippjanaw aħjar fuq ġewwa.

4.8 Il-Kunsillier Camilleri semma li hemm siġra fejn il-Housing Estate li mietet u fil-konka fejn kienet issa qed iħammġu. Is-Sindku qal li issa naraw x' jista jitħawwel flok din is-siġra.

4.9 Il-Kunsillier Aquilina semma fejn joqgħodu l-familja Sapiano hemm l-għatba ta' quddiem id-dar għolja.

4.10 Il-Kunsilliera Massa qalet li fejn hemm is-sorijiet huma wkoll għandhom problemi fl-għattiebi. Is-Sindku semma li huwa jaf bihom u se jieħu ħsieb jara x' għandhom bżonn.

4.11 Il-Kunsillier Caruana semma li jrid isir patching quddiem l-HSBC. Il-Kunsillier Aquilina semma li hemm problema li qed iżomm l-ilma fi Triq Dun Pawl. Is-Sindku semma li huwa kien se jkellem lill-kuntrattur biex ikollna programm u jsiru dawn ix-xogħolijiet. Is-Sindku qal li rridu ninfurmaw lil dan l-istess kuntrattur li hemm wieħed mil-gradilji tal-water culverts li jinsab imniżżel l-isfel. Il-Kunsillier Aquilina qal li hemm xi ilma li qed joqgħod fi Triq il-Ġdida. Is-Sindku semma li l-pjanijiet fuq din it-Triq hija li ssir mill-ġdid minn naħa t' Infrastructure Malta.

4.12 Il-Kunsillier Caruana semma li għandna nagħmlu pressjoni biex Triq tal-Maħżnier tkun one way.

4.13 Il-Kunsillier Aquilina saqsa kif konna bqajna fuq il-boroż il-bojod u l-griżi. Is-Sindku semma li dawn ma kienx hemm forniment tagħhom. Huwa qal li minn naħa tagħna qed nagħmlu pressjoni kontinwa.

4.14 Il-Kunsillier Camilleri informa li kien qed jġib xi kwotazzjonijiet għall iskema Achievers però jidher li t-total kien se jaqbeż l-ammont li kien budgeted b' xi Euro 800. Is-Sindku u l-Kunsilliera qablu li dan l-ammont jista' jiġi maqbuż.

4.15 Il-Kunsillier Aquilina semma li kienet ser issir ċerimonja għall Premju Żagħżugħ tas-sena fi Frar. Is-Sindku saqsa jekk issemmietx li Ħal Luqa rebħet dan il-premju. Il-Kunsillier Aquilina qallu li ma kellux din l-informazzjoni.

## 5. XOGĦOLIJIET

5.1 Is-Sindku semma li x-xogħol kien mexa sewwa fi Triq id-9 t' April. Il-Kunsillier Aquilina saqsa kienx ser isir reserved parking għall użu ta' dawk is-saċerdoti li jiġu jqaddsu Ħal Luqa. Is-Sindku qal li hawn pjanijiet biex kif issir it-Triq imbagħad napplikaw għall permessi għall skemi tar-residenti biex jkun hawn aktar faċilita għall parkeġġi. Is-Sindku qal li fil każ li jkun hemm xi bżonnijiet għall Parroċċa jistgħu jinħarġu l-permessi minn qabel.

5.2 Is-Sindku semma li hawnhekk fejn il-vetturi se jkunu qed jipparkjaw se jsir il-konkos taħt il-bankina. Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq dan it-taraġ biex jitranġa. Is-Sindku semma li huwa kien diġà ikkordina mal-uffiċċjali ta' Infrastructure Malta fuq dawn ix-xogħolijiet.

## 6. PERFORMANCE BONUS TAL-IMPJEGATI

6.1 Is-Sindku iddiskuta dan l-item fin-nuqqas tal-preżenza tas-Sehretarju. Wara li dan kien ġie diskuss huwa informa lis-Segretarju fuq l-osservazzjonijiet li saru fil-konfront tiegħu u li l-Kunsill kien għoġbu li jagħti l-massimu ta' dan il-bonus.

## 8. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

9.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq pagamenti

## 9. TMIEM TAL-LAQGĦA

10.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha it-Tlieta 14 ta' Jannar 2020 fis-6.40 pm. Kien hemm proposta ġurnata fil-bidu ta' Frar għall laqgħa li jmiss.

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Michael Portelli, BA (Hons), MA CHM, MBA** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |